12 ta' Ġunju, 1953.

Imħallfin :

Is-S.T.O. Dr. L. A. Camilleri, LL.D., *President;*
L-Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, LL.D.
L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Victor Pace ne. *versus* Antonio Terranova

**Ċessjoni — Denunzja — Assoċjazzjoni — Komunjoni ta' Interessi — Likwidazzjoni — Kontijiet — Ekwipollenza — Art. 1553 u 1555 tal-Kodiċi Ċivili.**

*Iċ-ċessjonarju ma jistax, kwantu għat-terzi, jeżerċita d-drittijiet tiegħu ta' ċessjonarju ħlief wara li tkun ġiet notifikata ċ-ċessjoni lid-*

*debitur b'att ġudizzjarju, minnu nnifsu jew miċ-ċedent. Din id-denunzja, però, ma hix meħtieġa jekk id-debitur ikun aċċetta ċ-ċessjoni.*

*Jekk issir domanda għar-rendiment tal-kontijiet ta' assoċjazzjoni kummerċjali, u jirriżulta li bejn il-kontendenti kien hemm sempliċi stat ta' komunjoni ta' interessi, it-talba tista' tiġi milqugħa bil-kriterju ta' l-ekwipollenza.*

*Għax jekk hemm dritt għal likwidazzjoni hemm bilfors ukoll stat ta' komunjoni ta' interessi; u jekk hemm komunjoni ta' interessi, allura hemm dritt għar-rendikont.*

Il-Qorti — Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Qorti tal-Kummerċ tal-Maestà Tagħha r-Reġina, li bih l-attur, wara li ppremetta li l-konvenut u l-imsemmi Giuseppe Micallef kienu assoċjati flimkien fl-eżerċizzju tan-negozju ta' oreficerija u ġojjellerija magħruf taħt l-isem "Micallef Brothers", fil-ħanut il-Belt Valletta, Zachary Street, numru 35C., u li l-konvenut qatt ma taħ sodisfazzjon tal-ġestjoni ta' l-istess negozju minn mindu huwa ssuċċeda lil Marietta armla ta' l-imsemmi Giuseppe Micallef, in virtù taċ-ċessjoni lilu minnha magħmula fit-23 ta' Diċembru 1941, talab illi l-istess konvenut jiġi kundannat jirrendilu kont fidil u dettaljat tal-ġestjoni ta' l-istess negozju għall-perijodu mit-23 ta' Diċembru 1941 'l hawn, fi żmien li jiġi prefiss; bl-ispejjeż, kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċjali tat-2 ta' Frar 1950; salvi azzjonijiet oħra skond il-liġi;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut, li ssottometta illi huwa qatt ma kien assoċjat ma' l-attur, u dana kwindi ma għandu l-ebda dritt jitlob rendikont tal-ġestjoni tal-ħanut fuq imsemmi;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti ta' l-10 ta' Marzu 1953, li biha rrespinġiet l-eċċezzjoni tal-konvenut, u ddeċidiet adeżivament għat-talba ta' l-attur, billi pprefiġġiet lill-konvenut xahar żmien sabiex jirrendilu l-kont mitlub, u ordnat illi l-ispejjeż jitħallsu minn għand il-konvenut; billi kkunsidrat;

Illi l-konvenut jirrikonoxxi — u dana jirriżulta mid-dikjarazzjoni tiegħu — illi, meta miet l-imsemmi Giuseppe Micallef, zijuh, dana ħalla bħala eredi tiegħu l-imsemmija armla tiegħu, Marietta, u dina ċediet il-kwota li wirtet mill-ħanut

fuq imsemmi lill-attur;

Illi dina ċ-ċessjoni saret in forza ta' l-iskrittura privata in data 23 ta' Diċembru 1941, li ġiet miġjuba bħala dokument "A" ma' l-att taċ-ċitazzjoni;

Illi l-attur jibbaża l-interess tiegħu li jkollu rendikont tal-ġestjoni ta' dak il-ħanut, u kwindi l-odjerna azzjoni, appuntu fuq l-imsemmija ċessjoni;

Illi l-konvenut, kif almenu jidher mill-kumpless ta' l-iskritturi tiegħu, jinnega l-eżerċizzju ta' l-imsemmi dritt ta' l-attur fuq il-motiv li ċ-ċessjoni ma ġietx lilu notifikata;

Illi huwa veru li skond l-art. 1553 tal-Kodiċi Ċivili ċ-ċessjonarju ma jistax, kwantu għat-terzi, jeżerċita d-drittijiet lilu ċeduti ħlief wara li ċ-ċessjoni tkun ġiet notifikata lid-debitur b'att ġudizzjarju, minnu nnifsu jew miċ-ċedent; liema notifikazzjoni fil-każ preżenti ma jirriżultax li saret; illi però, skond l-istess liġi, in-notifikazzjoni mhix neċessarja jekk id-debitur ikun aċċetta ċ-ċessjoni (art. 1555);

Illi fil-każ preżenti jirriżulta illi l-attur avża bil-fomm lill-konvenut li kienet saret favur tiegħu l-imsemmija ċessjoni, u l-konvenut baqa' jħallas nofs il-kera tal-ħanut kif kien jagħmel qabel ma saret l-imsemmija ċessjoni. Dana, fiċ-ċirkustanzi partikulari tal-każ, mhux biżżejjed biex jimplika l-aċċettazzjoni taċ-ċessjoni da parti tal-konvenut. Però l-aċċettazzjoni tiegħu tirriżulta indubbjament minn dak li xehed in-Nutar Vincenzo Maria Pellegrini, li qal:— "Il-konvenut irrikonoxxa li Victor Pace (l-attur) kellu nofs il-ħanut, jiġifieri nofs in-negozju u l-avvjament". In-Nutar Pellegrini kien inkarikat mill-konvenut biex jappjana l-vertenza bejn il-kontendenti, meta l-attur kiteb uffiċjalment lill-konvenut biex jitolbu jagħti kont tal-ġestjoni tiegħu riferibilment għall-istess ħanut;

Illi l-konvenut issottometta illi jista' jkun li l-attur għandu xi komunjoni ta' interessi miegħu, imma ma jistax jiġi kunsidrat assoċjat; u allura t-talba tiegħu, bażata, mhux fuq il-komunjoni ta' interessi, imma fuq l-assoċjazzjoni, ma tistax naturalment tiġi mismugħa, u kwindi għandu jiġi liberat minnha. Il-konvenut ma ssollevax l-eċċezzjoni tan-nullità ta' l-att taċ-ċitazzjoni;

Illi anki jekk huwa veru dak li l-konvenut allega, f'dan il-każ il-Qorti tista' tipprovdi fuq il-meritu in bażi għall-kriterju ta' l-ekwipollenza, kif ġie ritenut mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili tal-Maestà Tagħha r-Reġina in "Camilleri vs. Abdilla" (26 ta' Ottubru 1935), fejn hemm riportat każ, fost oħrajn, meta saret quddiem din il-Qorti talba għan-nomina ta' stralċjarju relativament għal soċjetà kummerċjali, mentri l-fatti wrew li kien hemm komunjoni ta' interessi, u mhux soċjetà kummerċjali ("Xuereb utrinque", 2 ta' Jannar 1883), u din il-Qorti rrespinġiet it-talba tal-konvenut għal-liberazzjoni tiegħu fuq il-motiv li l-attur kien uża ekwipollenza ġuridika fil-kliem (Vol. XXIX—II—698);

Rat fil-fol. 41 in-nota ta' l-appell tal-konvenut, u fil-fol. 42 il-petizzjoni tiegħu li fiha talab li s-sentenza fuq imsemmija tiġi revokata u li jiġu respinti d-domandi ta' l-attur; bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Il-fatti tal-każ huma kif riportati fis-sentenza li minnha hemm appell, fuq reċitati;

Il-gravami ta' l-appellant, jekk wieħed jelimina dawk iċ-ċirkustanzi li hemm fil-petizzjoni li huma legalment irrilevanti, jistgħu jiġu sostanzjalment ridotti għal żewġ kapi:—

(a) Li ċ-ċessjoni magħmula minn Marietta Micallef favur l-attur ma ġietx notifikata;

(b) Li l-attur għandu dritt għal likwidazzjoni tan-negozju, iżda mhux għar-rendikont tal-ġestjoni kif talab;

Dwar l-ewwel gravam;

B'liġi, l-aċċettazzjoni taċ-ċessjoni mill-parti ta' dak li kieku kienet issir lilu n-notifika tekwivali għall-istess notifika. F'dan il-każ, kif sewwa rriteniet il-Qorti ta' l-Ewwel Grad, mill-provi jirriżulta li kien hemm din l-aċċettazzjoni "re et verbis". Dina d-doljanza hija kwindi infondata;

Dwar it-tieni gravam;

Dan hu pjuttost motiv li javvalora s-sentenza appellata. Jekk hemm dritt għal-likwidazzjoni, hemm bilfors ukoll stat ta' komunjoni ta' interessi. Jekk hemm komunjoni ta' interessi, allura hemm dritt għar-rendikont (ara Appell "Callus

vs. Morana", 14 ta' Mejju 1945, Kollez. XXXII—I—569, u s-sentenzi fiha čitati);

Għalhekk iddeċidiet;

Billi ċaħdet l-appell *tal-konvenut* u kkonfermat is-sentenza appellata; bl-ispejjeż kontra tiegħu; iżda t-terminu ta' xahar impost b'dik is-sentenza għandu jibda għaddi mil-lum.